MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Numru 925/2002

Il-Pulizija
(Sp Marthese Micallef)
vs
Mary Andrews, bint Joseph Bartolo, imwielda il-Ħamrun
fil-25 ta' ottubru, 1937

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli bejn id-29 ta' lulju, 1995 u it-30 ta' settembru, 2000 fil-fond 1, Tal-Ħerba House, Triq Carini, Santa Venera bħala detentriċi ta' l-imsemmi fond jew bħala persuna li għandek f'idejk l-imsemmi fond, b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. ikkomettiet serq ta' kurrent elettriku li jammonta għal iżjed minn Lm50 iżda anqas minn Lm1,000 għad-dannu tal- Korporazzjoni Enemalta liema serq hu kkwalfikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur (Lm867.19,8);

2. għamlet ħsara jew kisret parti minn meter tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu jew
xi parti minn xi apparat jew is-siġilli tagħhom jew gumni wżati fil-provvista
tal-elettriku jew is-siġilli tagħhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' mejju, 2003 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputata ħallset dak kollu dovut u il-Korporazzjoni ma għandha ebda nteress fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' mejju, 2003 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat
l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberha taħt
il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------